## OBBLIGI U RESPONSABILTAJIET TAT-TIM NAZZJONALI

1.01 Kull min jirraprezenta lil Malta ghandu josserva l-obbligi msemmija hawn taht. Dawn l-obbligi jibqghu fis-sehh sakemm tintghazel selezzjoni ta' players ohra ghall-istagun ta' wara.

1.02 Kull player li jirraprezenta lit-tim Nazzjonali irid jonora l-obbligi shah tal-isponsors tal-MDA.

1.03 Kull player li jirraprezenta lit-tim Nazzjonali jrid jippartecipa f'attivitajiet promozzjonali li min zmien ghall-iehor l-MDA torganizza biex tippromwovi d-Darts.

1.04 Kull player li jirraprezenta lit-tim nazzjonali, jrid jippartecipa fuq it-TV jew media ohra skond il-htiega.

1.05 Waqt li player ikun fuq it-TV jew xi Media ohra,l-player hu obbligat li jilbes il-gear tat-tim Nazzjonali u qalziet iswed.

1.06 Min ma jonorax Regola 1.05 ma jkunx jista jippartecipa f'dawn il-features. Waqt dawn il-features, fl-ebda mument ma jista' jigi kkritikat player, ufficjal, club jew persuna ohra.

1.07 Waqt li t-tim Nazzjonali ikun qed jirraprezenta lil Malta, dagha u kliem offensiv, glied, agir mhux xieraq, intimidazzjoni jew ingurja ser jitqiesu mill-Assocjazzjoni bhala kazijiet ta' mgieba gravi.

1.08 F'kaz ta' 1.07, il-kaz jittella quddiem Bord ta' Dixxiplina, li jkun mahtur indipendentament mill-Kunsill tal-MDA u jkun iffurmat minn ta' l-inqas tlett persuni. Il-President u s-Segretarju Generali ghandhom ikunu prezenti bhala osservaturi. L-ufficjali tal-MDA li jkunu akkumpanjaw lit-tim Nazzjoanli jkunu msejha bhala xhieda f'kaz ta' bzonn.

1.09 F'kaz ta' 1.08, player ghandu d-dritt li jkun irraprezentat minn avukat waqt is-smiegh tal-kaz.

1.10 F'kaz li player ma jonorax il-punti kollha msemmija f'din l-iskrittura privata, l-MDA ghandha d-dritt li tirrikorri ghall-passi dixxiplinarji msemmija hawn taht u taddatahom skond il-gravita' tal-kaz:

1.10.1 Sospensjoni minn kull kompetizzjoni li torganizza l-MDA ta' bejn xahar u sentejn

1.10.2 Penali sa massimu ta €500

1.11 Is-sospensjonijiet kollha imsemmija f'din l-iskrittura privata, japplikaw anki fil-WDF. Dan ifisser li player ma jkunx jista jippartecipa fl-ebda kompetizzjoni kemm lokali kif ukoll Internazzjonali.

1.12 Il-players tat-tim Nazzjonali huma obbligati jiffirmaw dan il-ftehim. Min jirrifjuta li jiffirma dawn l-obbligi, awtomatikament ma jibqax jifforma parti mit-tim Nazzjonali.

**OBBLIGI OHRAJN**

1.01 Kull player huwa obbligat li jagħti l-isforz massimu biex jaghti l-aħjar prestazzjoni possibbli meta jilgħab. Regoli 1.10.1 u 1.10.2 japplikaw ukoll f'kaz li player volontarjament u sfaccatament jwaqqa' il-livell tal-loghba tieghu.

1.02 Kull player tat-tim Nazzjonali qed jirraprezenta specifikament lill-MDA u lil MALTA u mhux lilu personali.

1.03 Kull player irid jaghti ezempju xieraq quddiem in-nies specjalment fejn ikun hemm it-tfal.

1.04 Kull player irrid jaccetta rebha u telfa, success u falliment b'mod ugwali u sportiv.

1.05 Kull problema li tinqala' ghandha tigi ndirizzata lill-ufficjali tal-MDA u mhux tigi konfrontata bejn il-players.

## PLAYER TAS-SENA

1.00 **PUNTEGGI**

1.01 Fil Kampjonat 8 a-side player jiehu 2 punti ta' rebha u 0 punti ta' telfa, irrelevanti jekk jilghabx singles u\jew doubles. F'kaz li player jilghab fit-tnejn li huma, il-punti jkunu abbinati ma l-ewwel loghoba li jkun laghab fil-gurnata BISS.

1.02 Fil-fazi tar-round robin (gruppi) tal 5-a-side player jiehu 2 punti ta' rebha u 0 punti ta' telfa.

1.03 Ma jinghatawx punti fil-4-a-side Knock Out u fil-fazi tal-5-a-side Knock Out.

2.00 **OVERALL PLAYER TAS-SENA**

2.01 Ir-rebbieh tal-kampjonat Super Cup Singles jinghata 14 il-punt.

2.02 Min jispicca fit-tieni post tas-Super Cup Singles jinghata 10 punti.

2.03 Min jispicca joint third fis-Super Cup Singles jinghataw 7 punti kull wiehed.

2.04 Min jispicca mill-hames sat-tmien post fis-Super Cup Singles jinghataw 4 punti kull wiehed.

2.05 Min jispicca mid-disa sas-sittax il-post fis-Super Cup Singles jinghataw 2 punti kull wiehed.

2.06 Ir-rebbieha tal-kampjonat Malta Doubles jinghataw 7 punti kull wiehed.

2.07 Min jispicca fit-tieni post tal-Malta Doubles jinghataw 5 punti kull wiehed.

2.08 Min jispicca joint third fil-Malta Doubles jinghataw 3 punti kull wiehed.

2.09 Min jispicca mill-hames sat-tmien post fil-Malta Doubles jinghataw 2 punti kull wiehed.

2.10 Min jilghab fil-Malta International Open Singles jinghata 4 punti ghall kull loghba li jilghab u jerbah. (Byes u walkovers ma jitqisux bhala rebh)

2.11 Min jilghab fil-Malta International Open Doubles jinghataw 4 punti (2 punti kull player) ghall kull

loghba li jilghabu u jerbhu. (Byes u walkovers ma jitqisux bhala rebh)

2.12 Ir-rebbieh tal-kampjonat Premier jinghata 20 punt.

2.13 Min jispicca fit-tieni post tal-kampjonat Premier jinghata 12 il-punti.

2.14 Min jispicca joint third tal-kampjonat Premier jinghataw 8 punti kull wiehed.

2.15 Min jispicca mill-hames sal-ghaxar post tal-kampjonat Premier jinghataw 4 punti kull wiehed.

2.16 Ir-rebbieh ta' tournament organizzat bil-kunsens tal-M.D.A. jinghata 8 punti.

2.17 Min jispicca fit-tieni post ta' tournament organizzat bil-kunsens tal-M.D.A. jinghata 6 punti.

2.18 Min jispicca joint third f'tournament organizzat bil-kunsens tal-M.D.A. jinghataw 3 punti kull wiehed.

3.00 **PROTEST**

Ara 8-a-side League.

4.00 **APPELL**

Ara 8-a-side League.

5.00 **PREMJIJIET**

5.011 Ir-rebbieha ta' kull divizjoni tal-konkors Player tas-Sena jinghataw trophy kull wiehed li jzommu ghal dejjem.

5.02 Ir-rebbieh tal-Overall Player tas-Sena jinghata trophy li jzomm ghal sena u ohra li jzomm ghal dejjem.

## PARTECIPAZZJONI INTERNAZZJONALI

1.00 **IT-TEAM MALTI**

1.01 L-ewwel erba' player li jispiccaw fil-klassifika finali Malta Premier League jerbhu d-dritt li jiffurmaw it-team Malti ghall-istagun ta' wara.

1.02 It-team jirbah id-dritt li jirraprezenta lil Malta f'kompetizzjoni internazzjonali skond kif stipulat fl-istatut jew skond l-esigenzi tal-mument.

1.02 L-M.D.A. tiehu hsieb l-ispejjez tat-titjira u akkomodazzjoni "bed & breakfast", kif ukoll tipprezenta €60.00 bhala food allowance lill kull player. Spejjez ohra iridu jithallsu mill-players.

1.03 1.02 tapplika ukoll ghal zewg membri/ufficjali tal-kumitat tal-M.D.A.

## 2.00 UNDER 18 CHAMPION U LADIES CHAMPION

2.01 Ir-rebbieh jinghata d-dritt li jirraprezenta l-Malta fil-World Youth Singles/World Masters Ladies darts championship fl-Ingilterra jew f'xi tournament iehor skond ma tiddeciedi l-M.D.A.

2.02 L-M.D.A. tiehu hsieb l-ispejjez tat-titjira u akkommodazzjoni "bed & breakfast", kif ukoll tipprezenta €60.00 bhala food allowance. Spejjez ohra iridu jithallsu mill player.

2.03 Player jinghata dak imnizzel f'2.01 u 2.02 skond il-livell ta' loghob li juri. Jekk il-livell tal-player ma jkunx bizzejjed sabiex jikkompeti f'tournaments imsemmija f'2.01, l-M.D.A. tirriserva d-dritt li ma tibghatx kompetituri.

## 3.00 UNIFORMI

3.01 Il-players huma obbligati jilbsu uniformi pprovduta (parti minnha) mill-M.D.A. L-M.D.A. tipprovdi blazer, ingravata u gear. Dawn iridu jigu rritornati lura lill-M.D.A. wara li l-kontingent jigi lura Malta. Il-players huma fid-dover li jipprovdu ghas-spejjez taghhom qalziet/dublett iswed u qmis bajda.